**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima**

**Appell Numru: 165/2017**

Il-Pulizija

vs

**Tarquin Vella**

detentur tal-karta ta' l-identita' numru 405690(M)

Illum, 21 ta' Mazru 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Tarquin Vella akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

> Fix-xahar ta' Novembru 2016, huwa naqas milli jaghti lil Roxanne Brignone, is-somma iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt, kellha tithallas is-somma, u dan bi ksur ta' l-artiklu 338(z) tal-Kodici Kriminali.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-27 ta' Marzu, 2017 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 338(z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati u ghaldaqstant kkundannatu xahrejn detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellanti Tarquin Vella minnu pprezentat fis-6 ta' April, 2017 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali mghotija fis-27 ta' Marzu, 2017, b'dan illi tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabitu hati, u tvarjaha fejn ikkundannatu ghal xahrejn prigunerija effettiva u timponi piena aktar mita u idonea fic-cirkostanzi.

Rat l-aggravji imqanqla mill-appellant.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat il-verbal tas-seduta ta' llum.

Ikkunsidrat,

Illi llum *seduta stante* l-parti civili Roxanne Brignione kkonfermat bil-gurament illi l-manteniment dovut ghax-xahar indikat fl-akkuza thallas u ma fadalilha ebda pretenzjoni ulterjuri fir-rigward.

Illi dan maghdud l-akkuza xorta wahda trirrizulta ippruvata ghalkemm hemm lok ghall-varjazzjoni fil-piena.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta u tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, filwaqt li tikkonfermaha fejn din sabet htija fl-appellant ghar-reat lilu addebitat, tghaddi biex tvarja il-piena inflitta u wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni ma jikkomettiex reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu ta' liberta' kondizzjonata.

Edwina Grima

Imhallef